**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Rosman Baldacchino**

**Kumpilazzjoni Numru: 1199/12**

**Illum, 11 ta' Jannar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Rosman Baldacchino detentur tal-karta tal-identita` numru 89889(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar il-11 t'April 2010 ghall-hin ta' bejn nofsinhar u s-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar fi Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug, saq vettura bil-mutur jew vettura ohra u cioe` trakk bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 696 minghajr licenzja tas-sewqan.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza vettura bil-mutur fit-toroq u cioe` trakk bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 696 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

3. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien rigward l-istess cirkustanzi halef falz quddiem l-espert tal-Qorti.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex meta tikkundanna lill-hati tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizuzzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-kopja awtentikata tal-proces verbal redatt mill-Magistrat Antonio Vella kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq incident awtomobilistiku bejn tliet vetturi li mill-atti tal-process verbal hareg illi l-imputat prima facie ghamel stqarrija guramentata falza quddiem espert imqabbad fl-atti tal-inkjesta u cioe' Dr. Mario Butigieg, kif ukoll illi kien qed isuq vettura minghajr licenzja tas-sewqan u konsegwentement minghajr polza tal-assigurazzjoni.

Illi id-dinamika tal-incident ma hijiex daqstant importanti ghal dawn il-proceduri izda mhux l-istess ghandu jinghad ghal verzjonijiet li kienu taw *ab initio* l-imputat u huh Jason Baldacchino lill-pulizija. Dawn kienu qalu hekk (ara rapport a fol mija u tletin (130) tal-process):

***"Stqarrija ta' Jason Baldacchino lill-pulizija:-***
*Kont hiereg mis-Siggiewi u kien hemm jeep hiereg minn gol-wied certu wiehed ta' Cikka. Il-mutur qabez il-jeep u aktar l-isfel skidja u baqa' diehel got-truck fil-gabina mal-gemb tal-lemin".*

***"Stqarrija ta' Rosman Baldacchino***
*Jien kont passiggier fit-truck DAJ-696 u kien hemm mutur gej minn faccata u kif ghadda lil Jeep iktar l-isfel tilef il-kontroll u habat mal-gemb tat-truck".*

Illi sussegwentement, dawn l-istqarrijiet gew moghtija anke' quddiem l-espert Dr. Mario Butigieg fejn din id-darba ttiehdu bil-gurment izda ma jidhirx li dawn inghataw l-ebda tip ta' twissija jew dritt li jikkonsultaw avukat ta' fiducja taghhom ghalkemm fit-tieni (2) depozizzjoni f'pagna ghoxrin (20) tar-rapport intqal illi ix-xhud rega' gie mwissi bid-dritt tieghu li ma jirrispondix.

F'din it-tieni depozizzjoni Jason Baldacchino stqarr illi mhux vera illi huwa kien qed isuq it-truck DAJ-696 izda kien huh Rosman Baldacchino. Huwa jghid illi kien f'karrozza ohra u cioe` vann tal-ghamla Isuzu JAJ-231 u li qatt ma ra l-incident isir ghax kien il-boghod. Illi wkoll qall li Rosman ma kellux licenzja sabiex isuq dan it-*truck* u li dan kien inxurjat fuq ismu biss u persuni ' l fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena.

Fit-tieni (2) depozizzjoni ta' Rosman Baldacchino fejn f'din l-okkazzjoni inghatalu d-dritt li jista jibqa sieket, huwa kkonferma bil-gurament illi huwa kien qed isuq it-*truck* DAJ-696 u mhux huh kif kien xehed aktar kmieni f'dak il-jum.

Semghet ix-xhieda ta' **Karen Cremona** li hija rapprezentanta tat-Transport Malta li xehdet fuq it-truck in kwistjoni u li jghajjat lil Jason Baldacchino.

Rat il-verbal tas-sitta (6) ta' Lulju elfejn u hmistax (2015) fejn il-partijiet inghataw fakulta' li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi id-difiza biss ipprezentat din in-nota izda il-prosekuzzjoni baqghet inadempjenti.

Ikkunsidrat illi hekk kif sollevat minn nota' ta' sottomissjonijiet tad-difiza li jista jkun hemm il-kaz illil-akkuzi odjerni huma preskritti. Illi l-akkuzi odjerni huma bbazati taht il-provvedimenti tal-Kapitolu 65 u cioe' Artikolu 15 tal-istess Att. Illi is-subinciz (a) ta' dan l-Artikolu li tahtu tinkwadra l-ewwel akkuza u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta li hi l-**Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskju ta' Terzi Persuni** u li jitkellem fuq il-polzi tal-assigurazzjoni u kwindi it-tieni imputazzjoni, jistipulaw perjodu preskrittiv ta' sentejn (2) u dan ghaliex il-piena stabbilitia ghal dawn iz-zewg reati hija piena ta' prigunerija mhux aktar minn tliet (3) xhur jew il-multa ghar-reat taht l-

Artikolu 15(a) tal-Kap 65 u l-akkuza taht il-Kapitolu 104 ghandu l-istess tip ta' piena izda l-perjodu preskrittiv huwa stabbilit fl-Artikolu 3B u cioe`:

*"Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir - (a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew (b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema minnhom zmien ikun l-itwal".*

Illi gialadarba l-incident de quo sar fil-hdax (11) ta' April elfejn u ghaxra (2010) u biss biss l-akkuzi gew ipprezentati l-Qorti fil-hmistax (15) ta' Novembru (elfejn u tnax) 2012, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn (2) (li hu l-itwal wiehed bejn iz-zewg (2) akkuzi) kien diga' ghalaq ahseb u ara meta l-imputat gie notifikat bl-istess.

Illi minghajr ma' din il-Qorti tiddilunga milli tidhol fil-mertu, kien hemm problema ohra li l-prosekuzzjoni kellha tissupera f'dawn il-proceduri u cioe' stante li l-stqarrijiet bil-gurament specjalment tal-imputat, ittiehdu minghajr id-dritt li jigi kkonsultat avukat tal-ghazla.

Illi a rigward it-tielet (3) akkuza u cioe' dak tal-gurament falz, din l-akkuza hija bbazata fuq il-provvedimenti tal-Artikolu 108 tal-Kap 9 li jghid hekk:

*"(1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati –*

> *(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;*
> *(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat."*

Illi anke` hawnhekk, gialadarba jidher li l-perjodu ta' preskrizzjoni ghadda peress li f'dan il-kaz ghandu jigi applikat is-subinciz (b) ta' dan l-Artikolu peress li l-gurament ma kienx rikjest jew mehtieg bil-ligi u ghalhekk anke' ghal din l-akkuza tapplika il-preskrizzjoni tas-sentejn u ghalhekk huwa car li anke' din it-tielet (3) akkuza hija preskritta.

Illi pero' hemm punti ohra li ghandhom jinghadu:-

i) fl-ewwel lok jidher li fl-ewwel dikjarazzjoni guramentata mill-imputat dan ma inghatax id-dritt tas-silenzju u d-dritt tal-avukat u ghalhekk hemm dubji serji a rigward il-validita' jew il-legalita'tal-ewwel dikjarazzjoni tal-imputat lil Dr. Mario Butigieg li minnha qed jinghad li kien hemm il-gurament falz;

ii) illi ulterjorment il-fatt illi fid-dikjarazzjoni hemm biss li inghata il-gurament minghajr il-formalitajiet ta' kif inghata ma jfissirx necessarjament nuqqas tali li ggib l-invalidita' ta' tali xhieda u ghalhekk ma tabilx mas-sottomissjoni tad-difiza fuq dan ir-rigward. Id-difiza kellha kull opportunita' li in kontro-ezami issaqsi lill-istess espert tal-Qorti fuq il-manjiera li inghata il-gurament.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha elenkati hawn fuq l-imputat **<u>Rosman Baldacchino</u>** ma jistax jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghalhekk tilliberah minnhom.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**